# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 646/2009

## tat-23 ta' Lulju 2009

## li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) fir-rigward tal-lista tal-2010 ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar il-qsim ta' riżorsi intra-familjari

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwardja l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC) [1] u b'mod partikolari l-Artikolu 15(2)(f) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni sistematika ta' statistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet ta' għixien, li tinkludi informazzjoni komparabbli u f'waqtha li tkun rappreżentattiva u lonġitudinali, dwar id-dħul u l-livell u l-kompożizzjoni tal-faqar u l-esklużjoni soċjali fuq livelli nazzjonali u Ewropej.

(2) Skont l-Artikolu 15(2)(f) tar-Regolament (KE) Nru 1177/2003, miżuri ta' implimentazzjoni huma meħtieġa għal-lista ta' żoni sekondarji fil-mira u fatturi varjabbli li għandhom jiġu inklużi kull sena fil-komponent rappreżentattiv tal-UE-SILC. Għall-2010, il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji inkluża fil-modulu dwar il-qsim ta' riżorsi intra-familjari għandhom ikunu stabbiliti, flimkien mal-kodiċijiet u d-definizzjonijiet varjabbli korrispondenti.

(3) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku mwaqqaf bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom [2],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Il-lista ta' fatturi varjabbli sekondarji fil-mira, il-kodiċijiet varjabbli u d-definizzjonijiet għall-modulu 2010 dwar il-qsim ta' riżorsi intra-familjari li għandhom jiġu inklużi fil-komponent rappreżentattiv tal-istatistika Komunitarja dwar id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-għixien (UE-SILC), għandhom ikunu hekk kif stipulat fl-Anness.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il- Ġurnal Uffiċjali tal-Komunità Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.

[2] ĠU L 181, 28.6.1989, p. 47.

*ANNESS*

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw l-unitajiet, metodi ta' ġbir tal-informazzjoni, perjodu ta' referenza u l-arranġamenti tat-trażmissjoni tal-informazzjoni li ġejjin.

(1) **Unitajiet**

Is-seba' fatturi varjabbli obligatorji marbuta mar-reġim u t-tmexxija tal-finanzi tal-familja huma mitluba fuq livell tan-nies kollha li jgħixu fid-dar.

Il-fatturi l-oħra kollha varjabbli f'dan il-modulu huma mitluba fuq livell personali u għandhom is-sitwazzjoni attwali bħala l-perjodu ta' referenza. Huma għandhom x'jaqsmu ma' żewġ tipi ta' unitajiet.

Il-fatturi varjabbli li għandhom x'jaqsmu mal-kontribuzzjoni għall-baġit komuni tal-familja, aċċess għall-kont tal-bank, l-abilità tad-deċiżjoni dwar l-ispejjeż, l-użu tal-ħin u l-infiq għandhom ikunu provduti għal kull membru attwali li jgħix fid-dar jew, jekk hu applikabbli, għal dawk kollha magħżula li jwieġbu u li għandhom 16-il sena u fuqhom li jgħixu f'familja b'tal-inqas żewġ persuni li għandhom 16-il sena u fuqhom.

Il-fatturi varjabbli li għandhom x'jaqsmu mat-teħid tad-deċiżjonijiet (kemm speċifiċi u kemm ġenerali) u mat-tul tal-koabitazzjoni tal-imsieħba għandhom ikunu provduti għal kull membru attwali li jgħix fid-dar jew, jekk applikabbli, għal dawk kollha magħżula li jwieġbu u li għandhon 16-il sena u fuqhom li jgħixu ma' sieħeb/sieħba.

(2) **Metodi ta' ġbir tal-informazzjoni**

Għal fatturi varjabbli mitluba fil-livell tal-membri fil-familja (it-taqsima 1 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir tal-informazzjoni hu intervista personali mal-membru fid-dar li jwieġeb.

Għal fatturi varjabbli mitluba f'livell individwali (it-taqsima 2 u 3 fil-lista hawn taħt), il-metodu ta' ġbir ta' informazzjoni hu intervista personali mal-membri attwali li jgħixu fid-dar li għandhom 16-il sena u 'l fuq jew, jekk applikabbli, mal-familja magħżula biex twieġeb.

Minħabba l-karatteristiċi tal-informazzjoni li għandha tinġabar, huma permessi biss intervisti personali (intervisti bil-prokura jkunu eċċezzjoni għall-persuni li jkunu nieqsa temporanjament jew b'diżabilità).

(3) **Perjodu ta' referenza**

Il-fatturi varjabbli kollha fil-mira għandhom x'jaqsmu mas-sitwazzjoni attwali bħala perjodu ta' referenza.

(4) **Trażmissjoni tal-informazzjoni lil Eurostat**

Il-fatturi varjabbli sekondarji fil-mira dwar "il-qsim ta' riżorsi intra-familjari" għandhom jintbagħtu lill-Eurostat jew fil-fajl tal-informazzjoni tal-membri fid-djar (H) inkella fil-fajl tal-informazzjoni personali (P) wara l-fatturi varjabbli primarji fil-mira.

OQSMA U LISTA TA' FATTURI VARJABBLI FIL-MIRA

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| 1. ***Oġġetti mitluba fuq livell individwali – obligatorja*** | | |
| HA010 | | **Reġim tal-finanzi tal-familja** |
| | 1 | Inqisu d-dħul kollu bħala riżorsi komuni |
| | 2 | Inqisu biċċa mid-dħul bħala riżorsi komuni u l-bqija bħala riżorsi privati |
| | 3 | Inqisu d-dħul kollu bħala riżorsi privati tal-persuna li tirċevih |
| | 4 | Ma għandna l-ebda dħul fil-familja |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| HA010_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| HA010 | | **Tmexxija tal-finanzi komuni tal-familja** |
| | 1 | Membru wieħed jew iktar tal-familja |
| | 2 | Mill-inqas persuna waħda fil-familja u mill-inqas persuna waħda barra mill-familja hi involuta fit-tmexxija tal-finanzi komuni tal-familja. |
| | 3 | L-ebda persuna fil-familja u mill-inqas persuna waħda barra mill-familja hi involuta fit-tmexxija tal-finanzi komuni tal-familja. |
| | 4 | Ma hemmx finanzi komuni tal-familja |
| HA020_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| HA010 | | **Numru tal-identità tal-persuna 1 li tmexxi l-finanzi tal-familja** |
| | Numru tal-identità | Numru tal-identità personali tal-persuna 1 |
| HA030_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | HA020≠1,2 |
| HA010 | | **Numru tal-identità tal-persuna 2 li tmexxi l-finanzi tal-familja** |
| | Numru tal-identità | Numru tal-identità personali tal-persuna 2 |
| HA040_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | HA020≠1,2 jew inqas minn 2 persuni fil-familja involuti fit-tmexxija finanzjarja tal-familja |
| HA010 | | **Numru tal-identità tal-persuna 3 li tmexxi l-finanzi tal-familja** |
| | Numru tal-identità | Numru tal-identità personali tal-persuna 3 |
| HA050_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | HA020≠1,2 jew inqas minn 3 persuni fil-familja involuti fit-tmexxija finanzjarja tal-familja |
| HA060 | | **Numru tal-identità tal-persuna 4 li tmexxi l-finanzi tal-familja** |
| | Numru tal-identità | Numru tal-identità personali tal-persuna 4 |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| HA060_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | HA020≠1,2 jew inqas minn 4 persuni fil-familja involuti fit-tmexxija finanzjarja tal-familja |
| HA070 | | **Numru tal-identità tal-persuna 5 li tmexxi l-finanzi tal-familja** |
| | Numru tal-identità | Numru tal-identità personali tal-persuna 5 |
| HA070_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | HA020≠1,2 jew inqas minn 5 persuni fil-familja involuti fit-tmexxija finanzjarja tal-familja |
| 2. ***Oġġetti mitluba fuq livell individwali – obligatorja*** | | |
| PA010 | | **Il-proporzjon tad-dħul personali miżmum separat mill-baġit komuni tal-familja** |
| | 1 | Id-dħul personali kollu tiegħi |
| | 2 | Iktar min-nofs tad-dħul personali tiegħi |
| | 3 | Kważi n-nofs tad-dħul personali tiegħi |
| | 4 | Inqas min-nofs tad-dħul personali tiegħi |
| | 5 | Xejn |
| | 6 | Min wieġeb ma għandu l-ebda dħul personali |
| PA010_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA010 | | **Aċċess għall-ktieb tal-bank** |
| | 1 | Iva |
| | 2 | Le |
| PA020_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA010 | | **Teħid tad-deċiżjonijiet dwar ix-xiri ta' kuljum** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| PA030_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA010 | | **Teħid tad-deċiżjonijiet dwar spejjeż importanti marbuta mal-ulied** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| PA040_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) jew koppja mhux responsabbli għall-ulied (nanniet, ġenituri singoli li jgħixu ma' koppja) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja mingħajr ulied ta' inqas minn 16-il sena jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA010 | | **Teħid ta' deċiżjonijiet dwar spejjeż ta' xiri ta' prodotti dewwiema u għamara** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| | 4 | Qatt ma nqala' l-każ |
| PA050_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA060 | | **Teħid tad-deċiżjonijiet dwar is-self tal-flus** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| | 4 | Qatt ma nqala' l-każ |
| PA060_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| PA070 | | **Teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-użu tat-tfaddil** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| | 4 | Ma għandniex tfaddil (komuni) |
| | 5 | Qatt ma nqala' l-każ |
| PA070_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA080 | | **Teħid ta' deċiżjonijiet – ġenerali** |
| | 1 | Iktar jiena |
| | 2 | Ibbilanċjat |
| | 3 | Iktar is-sieħeb tiegħi |
| PA080_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | Il-persuna li twieġeb mhix parti minn koppja li tgħix fid-dar (RB240_F=-2) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA090 | | **L-abilità li tiddeċiedi dwar l-ispejjeż għall-konsum personali tiegħek, attivitajiet ta' mistrieħ u passatempi tiegħek** |
| | 1 | Iva, dejjem jew kważi dejjem |
| | 2 | Iva, kultant |
| | 3 | Qatt jew kważi qatt |
| PA090_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA100 | | **L-abilità li tiddeċiedi dwar ix-xiri tal-bżonnijiet tal-ulied (inkluż l-għoti ta' flus fil-but – "pocket money")** |
| | 1 | Iva, dejjem jew kważi dejjem |
| | 2 | Iva, kultant |
| | 3 | Qatt jew kważi qatt |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| PA100_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja mingħajr ulied ta' inqas minn 16-il sena jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| PA110 | | **Tul tal-koabitazzjoni tal-imsieħba** |
| | 0-99 | Numru ta' snin |
| PA110_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | m/a (ma hemmx sieħeb jew is-sieħeb mhux membru tal-familja) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| 3. ***Oġġetti mitluba fuq livell individwali – mhux tabilfors*** | | |
| PA120 | | **Ħin imqatta' fl-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura** |
| | 0-99 | Siegħat kull ġimgħa |
| PA120_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -2 | m/a (PL030≠1,2) |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| | -5 | Mhux mitluba |
| PA130 | | **Ħin imqatta' fil-mistrieħ** |
| | 0-99 | Siegħat kull ġimgħa |
| PA130_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| | -5 | Mhux mitluba |
| PA140 | | **Ħin imqatta' fix-xogħol tad-dar, kura tal-ulied u kura ta' dipendenti oħra** |
| | 0-99 | Siegħat kull ġimgħa |
| PA140_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |

| Modulu 2010 | | Qsim ta' riżorsi intra-familjari |
|---|---|---|
| Isem tal-fattur varjabbli | Kodiċi | Fattur varjabbli fil-mira |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| | -5 | Mhux mitluba |
| PA150 | | **Flus minfuqa kull xahar għal użu personali** |
| | 0+ | Munita nazzjonali kull xahar |
| PA150_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| | -5 | Mhux mitluba |
| PA160 | | **Flus minfuqa kull xahar għall-ulied mill-persuna intervistata** |
| | 0+ | Munita nazzjonali kull xahar |
| PA160_F | 1 | Il-fattur varjabbli tniżżel |
| | -1 | Nieqes |
| | -3 | Ma kinetx magħżula persuna li twieġeb |
| | -4 | Familja b'persuna singola jew mingħajr ulied ta' inqas minn 16-il sena jew familja b'inqas minn żewġ persuni ta' 16-il sena u 'l fuq. |
| | -5 | Mhux mitluba |